

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li temenda l-Qafas Komunitarju Temporanju għal miżuri ta' għajjnuna mill-istat biex isostnu l-aċċess għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali

(2009/C 261/02)

1. DAĦLA

Il-Qafas Komunitarju Temporanju għall-għajjnuna mill-Istat biex jiġi sostnut l-aċċess għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali japplika mis-17 ta' Diċembru 2008 sal-31 ta' Diċembru 2010 ⁽¹⁾.

Il-possibbiltà skont il-punt 4.2 li jingħata ammont limitat kompatibbli ta' għajjnuna ma japplikax għall-impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli. Il-bdiewa, madankollu, iltaqgħu ma' diffikultajiet akbar biex jiksibu l-kreditu bħala konsegwenza tal-kriżi finanzjarja.

Wara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2009 (SEC(2009) 1050) dwar il-qagħda tal-2009 fis-suq tal-ħalib u l-eżitu tal-laqqgħa tal-Kunsill tal-ministri tal-agrikoltura tas-7 ta' Settembru 2009, jixraq li jiġi introdott ammont limitat kompatibbli separat għall-għajjnuna lill-impriżi attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli.

2. EMENDI LILL-QAFAS KOMUNITARJU TEMPORANJU

L-emendi li jmiss lill-Qafas Temporanju Komunitarju għal miżuri ta' għajjnuna mill-Istat li jsostnu l-aċċess għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali se jidħlu fis-seħħ mit-28 ta' Ottubru 2009:

(1) Il-punt 4.2.2(g) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“qabel ma tingħata l-għajjnuna, l-Istat Membru jikseb dikjarazzjoni mill-impriża kkonċernata, bil-miktub jew f'forma elettronika, dwar kwalunkwe għajjnuna *de minimis* u għajjnuna oħra skont din il-miżura li tkun ġiet irċevuta waqt is-sena fiskali kurrenti u jivverifika li l-għajjnuna mhix se tgħolli l-ammont totali tal-għajjnuna rċevuta mill-impriża waqt il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2010, sa livell 'il fuq mil-limitu ta' EUR 500 000, u ta'

EUR 15 000 rispettivament fil-każ ta' għajjnuna lill-impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli ⁽²⁾;

(2) Il-punt 4.2.2 (h) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“l-iskema tal-għajjnuna tapplika kif inhi għal daww l-impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli ⁽³⁾, sakemm l-għajjnuna tkun kundizzjonali fuq li tingħadda parzjalment jew kollha lill-produtturi primarji. Meta l-għajjnuna tingħata lill-impriżi attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli (jew direttament jew mgħoddija minn impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli), l-għotja ta' flus (jew l-ekwivalneti gross tal-għotja) ma taqbiżx EUR 15 000 l-impriża; għajjnuna lill-impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli mhix iffissata fuq il-bażi tal-prezz jew tal-kwantità tal-prodotti mqiegħda fis-suq; l-għajjnuna lill-impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli mhix iffissata fuq il-bażi tal-prezz jew tal-kwantità tal-prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew imqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati.”

(3) Il-punt 4.7, paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-miżuri ta' għajjnuna temporanja previsti mill-Kummissjoni ma jistgħux jiġu kkumulati ma' għajjnuna li tidħol fl-ambitu tar-Regolamenti *de minimis* għall-istess spejjeż eliġibbli. Jekk l-impriża tkun diġà rċeviet għajjnuna *de minimis* qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-qafas temporanju, is-somma ta' din l-għajjnuna rċevuta taħt il-miżuri koperti mill-punt 4.2 ta' din il-Komunikazzjoni u l-għajjnuna *de minimis* irċevuta m'għandhomx jaqbżu EUR 500 000, u EUR 15 000 rispettivament fil-każ ta' għajjnuna lil produtturi agrikoli primarji, bejn l-1 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2010. L-ammont ta' għajjnuna *de minimis* irċevuta mill-1 ta' Jannar 2008 għandha titnaqqas mill-ammont kompatibbli mogħti għall-istess għan taħt il-punti 4.3, 4.4, 4.5 jew 4.6.”

⁽¹⁾ ĠU C 83, 7.4.2009, p. 1 (verżjoni konsolidata li tinkludi l-emendi introdotti mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25.2.2009).

⁽²⁾ Kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajjnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3).

⁽³⁾ Kif definit fl-Artikolu 2(3) u 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006.